# ID-DAWL

SETTEMBRU 2019 | WWW.AHMADIYYA.MT | NUMRU 21

**"Aqra, f'Isem il-Mulej tiegħek li ħalaq."**




Ħobb lil Pajjiżek
L-Akkwist tal-Għarfien
L-Edukazzjoni u n-Nisa
Il-Ħsibijiet Ħżiena

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# L-GĦARFIEN

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Fid-dinja nsibu li xi affarijiet huma importanti ħafna għal ħajja aħjar u prospera. L-akkwist tal-għarfien huwa wieħed minn dawk l-affarijiet ta' valur kbir fil-ħajja umana. Alla Huwa l-Għaref. Huwa jiggwidana biex inkunu għaqlin u edukati, u biex dejjem insegwu dak li għandna għarfien tiegħu. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

"U ssegwux dak li intom m'għandkomx għarfien tiegħu. Tassew, il-widna u l-għajn u l-qalb — dawn kollha se jiġu mgħajta biex jagħtu rendikont. U timxux fid-dinja b'arroganza, għaliex intom ma tistgħux taqsmu d-dinja, u lanqas ma tistgħu tilħqu l-għoli tal-muntanji. Il-ħażen ta' dan kollu huwa mistkerrah mill-Mulej tagħkom." (17:37-39)

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] enfasizza l-importanza tal-għarfien billi qal li: "Żewġ persuni biss huma denji li ngħiru għalihom; persuna li Alla jagħniha bir-rikkezzi u jagħtiha s-setgħa li tonfoq ġidha għal kawżi ġusti; u persuna li Alla jimlieha bl-għerf biex din tkun tista' tiġġudika u tgħallem." (*Bukhari, Kitab ul Ilm*)

Dawn iż-żewġ referenzi huma biżżejjed biex jitfgħu dawl fuq l-importanza tal-għarfien. Għalhekk, ejjew inkomplu nakkwistaw l-għarfien sal-aħħar nifs tagħna.

**ID-DAWL**

Settembru 2019 – Numru 21 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

**Il-Qoxra:** Samiph222 | Shutterstock – Ritratt pġ.5 Designed by Freepik – Ritratt pġ.7 Jaboo2foto | Shutterstock

(i) *The ROR*, April 2017, p. 12-14 – (ii) *Malfużat*, edizzjoni ġdida 2016, Vol. 1, p. 337– (iii) *Malfużat*, edizzjoni ġdida 2016, Vol. 1, p. 508

# ĦOBB LIL PAJJIŻEK, ŻOMMU NADIF

L-indafa tagħmel parti mill-fidi u tressaqna lejn ħajja aktar sana. L-Iżlam jagħti importanza kbira lill-indafa tal-ġisem kif ukoll dak tal-ambjent. Dikjarazzjoni qasira tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, tenfasizza dan il-punt b'mod verament sabiħ.

Huwa qal, **"L-indafa hija meħtieġa għall-fidi."** Huwa qal ukoll, **"L-indafa hija ċ-ċavetta għat-Talb u t-Talb huwa ċavetta għall-Ġenna."**

Bħalma nieħdu ħsieb ta' ġisimna, hekk ukoll huwa essenzjali li l-ambjent jibqa' nadif u galbat. L-ambjenti tagħna għandhom iżommu livell għoli ta' ndafa; barra minn hekk, huwa dmir tagħna li nżommu pajjiżna nadif.

Li nżommu l-ambjent nadif mhijiex xi biċċa xogħol diffiċli; jekk nagħtu ftit kas nistgħu ngħinu biex inżommu l-lokalità tagħna nadifa. Ma rridux inħammġu l-ambjent fejn ngħixu, it-toroq tagħna, il-bajjiet u l-baħar sabiħ tagħna. Barra minn hekk, jekk naraw il-ħmieġ madwarna, irridu nneħħuh u narmuh bl-aħjar mod possibbli.

**Rigward l-indafa fit-toroq, jingħad li meta l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien ikun qed jimxi u jilmaħ xi ħmieġ fi triqtu, kien ineħħih huwa stess u jgħid li dik il-persuna li żżomm it-triq nadifa tikseb is-sodisfazzjon t'Alla u premju kbir.** (*Muslim, Kitabul Bir Wasila*)

Bil-barkiet t'Alla għandna xeni ta' pajjiżna li jsaħħruk. Tara ritratti mill-isbaħ. In-natura hija ġentili ħafna magħna. Dan jibgħat messaġġ mill-aktar importanti li l-ħarsien tal-ambjent huwa r-responsabbiltà ta' kulħadd.

Pajjiżna huwa verament sabiħ u jeħtieġ li nkomplu ngħożżuh biex uliedna wkoll ikunu jistgħu jgawdu minn dan l-ambjent. Għalhekk, huwa ferm importanti li nħobbu lil pajjiżna u nżommuh nadif.

# L-EDUKAZZJONI, L-GĦARFIEN U L-IŻLAM

L-edukazzjoni u l-għarfien huma ċ-ċavetta tas-suċċess. L-Iżlam u l-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, enfasizzaw immensament it-tiftix tal-għarfien. Wieħed jista' jifhem l-importanza ta' dan is-suġġett mill-fatt li l-ewwel kelma rivelata lill-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kienet '*Iqra*' li tfisser 'Aqra'. Huwa kien ġewwa għar fuq il-Muntanja Hira, jimmedita waħdu, meta żaru l-Anġlu Gabriel u qallu:

> **"Aqra, f'Isem il-Mulej tiegħek li ħalaq; ħalaq lill-bniedem minn ftit demm magħqud. Itlob! U l-Mulej tiegħek hu dak li jagħmel l-aktar ġid. Dak li għallem lill-*bniedem* bil-pinna; għallem lill-bniedem dak li ma kienx jaf."** (96:2-6)

F'dawn il-versi mhux biss qed tingħata l-attenzjoni lit-tiftix u l-ksib tal-għarfien, iżda dawn il-versi fihom ukoll profezija dwar l-iżvilupp tal-għarfien u li l-akkwist tal-għarfien jibqa' sejjer sa jum il-ġudizzju. Aktar minn hekk dawn il-versi jenfasizzaw l-importanza tal-ksib tal-għarfien kemm dak spiritwali kif ukoll dak prattiku. F'parti oħra tal-Koran Imqaddes l-għarfien ġie deskritt bħala **"il-grazzja kbira t'Alla"**; din tgħid:

> **"Huwa jagħti l-għerf lil min jixtieq Hu, u kull min jingħata l-għerf ikun tassew ġie ppremjat b'ħafna tjubija; u ħadd ma jagħti kas ħlief dawk mogħnija bil-fehim."** (2:270)

Fi kliem ieħor, dawk biss li jirriflettu jistgħu jifhmu s-sinjali t'Alla u jersqu viċin tiegħu. Iżjed minn hekk il-Koran jgħallimna talba li tgħid hekk:

**"O Sidi, kabbarni fl-għarfien."** (20:115). Il-kliem *'O Sidi, kabbarni fl-għarfien'* jixhed l-importanza kbira li l-Koran Imqaddes jagħti lill-ksib tal-għarfien. Il-Koran Imqaddes jenfasizza wkoll l-importanza tal-għarfien għax dan ikattar l-imħabba u l-biża' t'Alla. Huwa jgħid:

> "Huma biss il-qaddejja Tiegħu li għandhom l-għarfien li jibżgħu minn Alla." (35:29)



Madanakollu, l-għarfien, hawnhekk, mhux bilfors qed jalludi għall-għarfien spiritwali iżda wkoll għal dak tal-liġijiet tan-natura. Studju dettaljat tan-natura u l-liġijiet tagħha bla dubju ta' xejn iwassal biex wieħed jintebaħ bis-setgħat qawwija t'Alla u konsegwentament jibda jħares lejn Alla b'qima riverenzjali. Il-Koran Imqaddes iħeġġeġ lill-fidili kollha biex jaħsbu, josservaw, jirriflettu u jħaddmu l-fakultajiet razzjonali tagħhom. L-għarfien iġib il-fehim u persuna bl-għarfien hija aħjar minn waħda mingħajru, kif Alla jgħid:

> **"Staqsi, 'Dawk li jafu huma daqs dawk li ma jafux?' Tassew, dawk biss li huma mogħnija bil-fehim se jagħtu kas."** (39:10)

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, ta ħafna importanza għal li wieħed ikompli jakkwista l-għarfien u qal: **"Fittxu l-għarfien min-nieqa sal-qabar."** Huwa rrappurtat li qal ukoll: **"Fittxu l-għarfien anki jekk dan jinsab f'pajjiż 'il bogħod ħafna bħaċ-Ċina."**

Dawn il-ftit referenzi juru b'mod ċar kemm l-Iżlam jagħti importanza lill-iżvilupp tal-edukazzjoni u l-għarfien. L-għarfien iġib il-qawwa mela aħna rridu nagħmlu ħilitna kollha biex niksbu l-għarfien.

# IN-NISA MUSULMANI JISTGĦU JIKSBU L-GĦARFIEN?

L-għarfien huwa setgħa. L-Iżlam bħala reliġjon universali tenfasizza li l-edukazzjoni għall-irġiel u għan-nisa qiegħda fuq l-istess livell ta' importanza, u l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, iwassal l-idea li l-edukazzjoni hija obbligatorja għat-tnejn. Huwa qal:

> **"Huwa l-obbligu ta' kull raġel Musulman u ta' kull mara Musulmana li jiksbu l-għarfien."**

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, ħeġġeġ lin-nisa tiegħu biex ifittxu l-għarfien u darba stqarr li "nofs ir-reliġjon tal-Iżlam jista' jiġi mgħallem mill-mara tiegħu Ħażrat Ayesha[ra]." Tabilħaqq, wara mewtu, il-komunità kollha Musulmana kienet tfittex il-pariri tan-nisa tiegħu.

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej Spiritwali Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, daħal fil-fond ta' dan is-suġġett u qal:

"F'termini ta' għarfien kemm sekulari kif ukoll reliġjuż, ftit bniet Musulmani kellhom l-opportunità li jkomplu l-istudji sekulari jew li jitgħallmu dwar twemminhom u jkattru l-għarfien reliġjuż tagħhom. Din hija ħasra u ta' min jikkundannaha bil-qawwa, għaliex **il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ta importanza kbira u valur immens lill-edukazzjoni u t-taħriġ morali tan-nisa u l-bniet**. Madanakollu, maż-żmien, din l-istruzzjoni tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ġiet aktar injorata mill-Musulmani u għalhekk in-nisa Musulmani baqgħu ħafna inqas edukati mill-irġiel.

**Kawża ewlenija ta' din it-tendenza sfortunata kienet li ħafna mill-hekk imsejħa skulari reliġjużi li jagħmlu parti mill-hekk imsejħa *Ulema* (skulari reliġjużi) ma ridux li l-għarfien jitwassal jew jinxtered, la bejn l-irġiel, imma aktar u aktar fost in-nisa. Bi ksur tat-tagħlim Iżlamiku, huma xtaqu lin-nisa li jibqgħu magħluqa bejn l-erba' ħitan ta' djarhom u għaldaqstant ma ppermettewlhomx li jiksbu edukazzjoni bażika.**



Dawn l-attitudnijiet għamlu ħsara estensiva lill-progress fit-tul tal-Iżlam, għaliex b'hekk ma kienx possibbli għan-nisa Musulmani biex iħarrġu moralment lil uliedhom meta huma stess ma kellhomx għarfien ta' twemminhom. Madanakollu din l-attitudni egoistika immens iddominat tul is-sekli u kompliet sakemm Alla Omnipotenti bagħat lill-Messija Mwiegħed[as] [il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana], biex bis-saħħa tiegħu jkun hemm qawmien u tixtil tat-tagħlim ġenwin tal-Iżlam.

**Bil-miġja tiegħu, barra li l-Messija Mwiegħed[as] ta importanza kbira lit-*Tarbiyyat* (it-taħriġ spiritwali u morali) tal-irġiel u inkoraġġiehom biex jieħdu l-edukazzjoni, hekk ukoll huwa ħeġġeġ lin-nisa u l-bniet Ahmadi biex ifittxu l-edukazzjoni sekulari u t-tagħlim reliġjuż.**

Fil-fatt, kien hemm żmien meta l-Messija Mwiegħed[as] innifsu kien personalment jgħallem ir-reliġjon lin-nisa. Bil-gwida mbierka tiegħu, u sussegwentement bis-saħħa ta' *Khilafat-e-Ahmadiyya* (Kalifat fil-Komunità Ahmadiyya Musulmana), in-nisa Ahmadi bdew jifhmu t-tifsira u l-valur li wieħed ikollu l-edukazzjoni u li jfittex l-għarfien reliġjuż. Bla dubju ta' xejn, matul l-eżistenza tagħha, il-Komunità tagħna kompliet tippromwovi u tagħti s-sostenn lill-edukazzjoni tan-nisa u l-bniet u twaqqfu ħafna programmi jew pjanijiet biex dan seta' jseħħ."[(i)]

# META TAĦSEB ĦAŻIN FL-OĦRAJN

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi, il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, jikteb:

"Ngħidilkom bis-sew li d-drawwa li taħseb ħażin f'ħaddieħor iġġib dulur kbir, **għax din teqred il-fidi tal-persuna, tbegħedha mis-sewwa u l-korrettezza, u tbiddel il-ħbieb f'għedewwa.** Biex wieħed jikseb l-ogħla merti tas-sewwa huwa neċessarju li persuna twarrab għalkollox id-drawwa li taħseb ħażin fl-oħrajn, u jekk taqa' f'dik l-attitudni mill-ġdid għandha tfittex il-maħfra għal ħafna drabi u għandha titlob lil Alla Omnipotenti biex jipproteġiha minn dan id-dnub u l-konsegwenzi koroh tiegħu. Dan il-vizzju m'għandux jiġi sottovalutat. Huwa marda perikoluża li teqred persuna f'ħakka t'għajn.

**Fil-qosor, meta wieħed jaħseb ħażin fl-oħrajn jista' jinqered. Huwa mniżżel li meta dawk li jkunu kundannati għall-infern jiġu wiċċ imb wiċċ mal-verità, Alla Omnipotenti se jgħidilhom: 'Intom sirtu ħatja talli ħsibtu ħażin f'Alla.'"**[(ii)]

"L-inkwiet jibda meta persuna tintilef f'ħafna suspetti foloz u dubji kbar. Jekk wieħed jaħseb fit-tajjeb f'kull sitwazzjoni, jingħata l-ħila biex jakkwista t-tajjeb. Żball fil-bidu nett itellef milli wieħed jikseb l-għan. **Li wieħed jaħseb ħażin f'ħaddieħor huwa dnub kbir li jtellef lill-persuna minn ħafna opportunitajiet li jwettaq il-ġid** u dan jiżdied b'tali mod sakemm wieħed jibda jaħseb ħażin ukoll f'Alla Omnipotenti."[(iii)]

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**